**1 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Ġorġ Saliba *pro et noe*

*versus*

Edward Saliba

## *Defence of Inevitable Accident*

*Id-dottrina Ingliża* the defence of inevitable accident, *kienet kemm-il darba adottata fil-ġurisprudenza tagħna. Skond din id-dottrina hemm żewġ prinċipji legali bażilari li l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh meta jiġi biex jikkunsidra din id-difiża:*

*a) il-piż tal-prova li kien hemm* inevitable accident *huwa mixħut fuq il-konvenut li qiegħed jallegah;*

*b) il-konvenut ma jistax jinvoka d-difiża ta'* inevitable acident *jekk kien hemm negliġenza da parti tiegħu konnessa mal-ħsara kkaġunata.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi fit-18 ta' April, 1965, għal xi t-8.10 p.m., meta l-konvenut kien qiegħed isuq ix-xarabank, b'numru ta' reġistrazzjoni 1058, wara li niżżel il-passiġġieri, beda jsuq biex imur fil-venda tax-xarabank ta' tas-Sliema, barra Putirjal, u dak il-ħin investa lil Carla Saliba, bint u oħt l-atturi rispettivament, liema Carla Saliba, minħabba l-feriti li ġarrbet, mietet qabel ma ġiet meħuda l-Isptar; li dan l-inċident ġara ħtija tal-konvenut minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; li minħabba l-mewt ta' l-istess Carla Saliba sofrew danni u jistgħu jsofru danni u li għalkemm il-konvenut ġie interpellat biex iħallas l-istess danni hu baqa' ma ħallasx, talbu li din il-Qorti: (a) tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-mewt ta' l-imsemmija Carla Saliba għar-raġunijiet fuq imsemmija u għalhekk responsabbli lejn l-atturi ta' danni minnhom sofferti u li għad isofru ta' spejjeż inkorsi u telf ta' qligħ; (b) tillikwida l-istess danni, anke jekk hemm bżonn permezz ta' periti *nominandi*, u (c) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma li tiġi hekk likwidata - bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali ta' l-1 ta' April, 1967 u ta' l-1 ta' April, 1969;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li hu ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-mewt ta' Carla Saliba;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali, Avukat Dr. Noel Cuschieri, minnu debitament maħlufa fis-seduta tal-21 Ottubru, 1982;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jippretendu li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident li ġara fit-18 ta' April, 1965 għal xi t-8 p.m. barra Putirjal li fih Carla Saliba ġiet milquta mix-xarabank numru 1058 misjuqa mill-konvenut u bħala konsegwenza mietet. Min-naħa tiegħu l-konvenut qed jgħid li huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-inċident. Kif jidher mid-dikjarazzjoni tiegħu li, skond il-liġi, akkumpanjat in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu (fol. 5 tergo), huwa qed jippretendi li l-kawża ta' l-investiment kienet il-*complete failure* istantaneu tal-*footbrake*;

Ikkunsidrat:

Dak li qiegħed jissottometti l-attur huwa dak li fid-dottrina Ingliża jissejjaħ *the defence of inevitable accident*, din id-dottrina ġiet kemm-il darba adottata fil-ġurisprudenza tagħna. Skond din id-dottrina hemm żewġ prinċipji legali bażilari li l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh meta jiġi biex jikkunsidra l-imsemmija difiża;

Il-piż tal-prova li kien hemm *inevitable accident*, huwa mixħut fuq il-konvenut li qiegħed jallegah. Kif jingħad fiċ-*Charlesworth, Law of Negligence*, paġna 512: "*The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up*". Dan huwa ukoll konformi għall-prinċipju li jinsab enunċjat fl-artikolu 561 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid: "Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu ta' prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". *Onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Għalhekk fil-każ preżenti l-konvenut għandu l-obbligu legali li jipprova dak li hu qiegħed jallega, ċjoè li kien hemm *complete failure* istantaneu tal-*brakes* tax-xarabank tiegħu;

Il-konvenut ma jistax jinvoka d-difiża ta' *inevitable accident* jekk kien hemm negliġenza da parti tiegħu konnessa mal-ħsara kkaġunata. Kif jgħid l-istess Charlesworth, *op. cit.*, paġna 511: "*There is no inevitable accident when there has been negligence connected with the damage on the part of the defendant*";

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirriżulta li meta l-konvenut wasal Putirjal, il-Belt, bix-xarabank numru 1058, huwa waqqaf fil-*lane* tax-xarabanks li jmorru għal Spinola u ħalla l-passiġġieri jinżlu. Huwa mbagħad reġa' telaq biex iqiegħed ix-xarabank f'postha iktar 'l isfel wara dik li kien imissu, u filwaqt li kien nieżel mil-*lane*, ra fuq ix-xellug tiegħu xebba (i.e. Carla Saliba) b'daharha lejn il-*lane* skond il-konvenut timxi lura taħt il-bankina. Huwa applika l-*footbrake* iżda dan ma rabatlux, ix-xebba ġiet milquta u x-xarabank baqa' nieżel sakemm waqaf ċerta distanza iżjed 'l isfel;

Għalkemm ix-xhieda okulari ta' l-inċident, jiġifieri Raymond Zammit, Wilfred Cardona u Carmen Zerafa, ma jgħidux li raw lil Carla Saliba timxi lura fil-*lane*, kif qal il-konvenut, però x-xhud Zammit jgħid li hu raha <u>taħt</u> il-bankina wieqfa tħares u daqqa ddawwar rasha naħa u daqqa naħa oħra u ċertu mument raha tagħti pass lura lejn l-*istrip* iżda ma rahiex terġa' titla' fuq l-*istrip*. Ix-xhud Cardona jgħid ukoll li ra lil Carla Saliba taħt l-*istrip* mentri Zerafa, li kienet magħha, tgħid li l-impressjoni tagħha hija li malli Carla Saliba niżlet sabet il-karozza ma' wiċċha u ġara l-inċident. Minn dawn il-provi l-Qorti hija sodisfatta li m'hemmx dubbju li Carl Saliba kienet fil-*lane* fejn jgħaddu x-xarabanks (u ċjoè f'post fejn ma kellhiex tkun), u għalhekk ikkreat emerġenza għax-xarabank tal-konvenut li kienet għadha kem qalgħet biex tmur f'postha. Il-

konvenut ipprova jevita dik l-emerġenza iżda l-*footbrake* ma ħadimlux. Huwa mbagħad applika, skond id-deposizzjoni tiegħu ġġuramentata, mhux kontradetta, il-*handbrake* iżda ma jistax jgħid jekk allura kienx diġà għadda x-xebba Carla Saliba jew le. Il-Qorti hi, però, tal-fehma li allura kien tard wisq billi, skond il-konvenut, Carla Saliba niżlet mill-bankina kif fuq ingħad meta kienet biss xi żewġ passi minnu, liema ċirkostanza ssib il-konferma tagħha f'dak li qalet ix-xhud Zerafa meta xehdet li malli Carla Saliba niżlet sabet il-karozza ma' wiċċha u ġara l-inċident, jiġifieri kollox sar f'daqqa;

Il-provi ukoll juru ċar l-għala l-*footbrake* ma ħadimx. Jirriżulta, infatti, mid-deposizzjoni mogħtija f'din il-kawża mix-xhud John Nicholas Cassar, li xehed li meta, bħala espert innominat mill-Qorti Kriminali, żarma l-*master cylinder* tal-*braking system*, sab li kellu l-*primary cap* tal-lastiku mifuqgħ. Skond l-istess xhud dan seta' jkun dovut għal: (a) deterjorazzjoni bl-użu; (b) difett tal-materjal waqt il-kostruzzjoni; u (c) difett fl-immontar tiegħu. Skond ix-xhud, il-*cap* in kwistjoni ma kienx deterjorat bl-użu u għalhekk il-*primary cap* infaqa' jew minħabba difett fil-kostruzzjoni jew minħabba difett fl-immontar u kwindi l-*burst* ġara istantanjament stante li l-*primary cap* jindika biss li jkun sejjer jinqasam meta jkun hemm deterjorament bl-użu, li ma kienx il-każ preżenti;

Għalhekk, fil-każ preżenti, stante li l-*primary cap* infaqa' f'daqqa u mhux minħabba deterjorament bl-użu, il-konvenut ma setax kellu preavviż ta' dak li kien sejjer jiġri;

Għandu jingħad f'dan ir-rigward, illi l-Ispettur Curmi xehed li għandu impressjoni li l-konvenut kien qal lilu u lill-Ispettur Abela li kien applika l-*brakes* fi *stage* qabel it-*terminus* ta' Putirjal u sabhom difettużi u l-Ispettur Abela xehed li l-

konvenut kien qallu li meta kien wasal fuq l-*istage* li hemm fi Triq Sant'Anna, il-Furjana, il-*brake* kellu jippompjah biex jorbot;

Il-Qorti, però, ma tħoss li tista' toqgħod fuq dawn iż-żewġ deposizzjonijiet. L-Ispettur Curmi, li xehed fil-25 ta' April, 1972, jiġifieri seba' snin wara l-inċident, wera fid-deposizzjoni tiegħu li ma tantx kien ċert minn dak li kien qed jgħid billi qal li għandu "l-impressjoni" li l-konvenut kien qallu li kien applika l-*brakes* il-Furjana u sabhom difettużi. Mentri x-xhud Spettur Abela, meta ġie kkonfrontat mid-difensur tal-konvenut b'dak li xehed fil-kawża kriminali (ħaġa li setgħet issir skond l-artikolu 585 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ħaġa li għaliha ma saret ebda oġġezzjoni mill-kontroparti), fejn kien qal li l-konvenut kien qallu li taħt l-*istage* tal-Furjana l-*brake* ffunzjona tajjeb bħas-soltu, biss meta wasal f'Putirjal ħass li ma kienx qed jorbot bħas-soltu għax ried jagħfas il-pedala iżjed biex jorbot, irrisponda li ma jafx kif f'dik is-seduta d-deposizzjoni tiegħu ma tniżżlitx bil-kliem kif kien qed jixhed quddiem il-perit legali f'din il-kawża. Mhux hekk biss, imma d-deposizzjonijiet ta' l-imsemmija żewġ xhieda - waħda minnhom dik ta' l-Ispettur Curmi mhux ċerta u l-oħra ta' l-Ispettur Abela kontradetta minnu nnifsu - huma kategorikament miċħuda mill-istess konvenut li xehed li l-*footbrake* kien tajjeb it-triq kollha sal-Belt u waqfu f'ħafna *stages* jekk mhux kollha u l-*brake* kull darba rabat tajjeb, u li ċaħad li lill-Ispettur Curmi qallu li l-*footbrake* ma rabatlux fl-*istage* tal-Furjana u li kellu jippompjah biex jorbot. U huma ukoll kontradetti mill-konduttur Leone Debattista li xehed li qabel ma waslu fit-*terminus*, it-trip kien regolari u ma semax il-konvenut jilmenta li kellu l-*brakes* difettużi. Dan apparti ċ-ċirkostanza deposta mix-xhud John Nicholas Cassar, a bażi ta' dak li ra u eżamina u mhux a bażi ta' dak li qalu x-xhieda li jistgħu jkunu taħt impressjoni żbaljata, li l-*primary cap* mar istantanament;

Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti tikkonkludi, bħalma kkonkluda l-perit legali, li hija sodisfatta li ma kienx hemm xi negliġenza da parti tal-konvenut konnessa ma' l-inċident u hija tal-fehma ukoll illi l-konvenut issodisfa l-piż b'liġi mixħut fuqu li jipprova li l-*primary cap* marret istantaneament u għalhekk il-*footbrake* ma ffunzjonax u ma setax jevita l-inċident meta sab ruħu kkonfrontat bl-emerġenza kkreata mill-mejta Carla Saliba fil-*lane* minn fejn kien għaddej. Kwindi l-Qorti tirritjeni li d-difiża ta' l-*inevitable accident* issollevata mill-konvenut hija fondata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut billi tiddikjara li l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-mewt ta' Carla Saliba u kwindi tiċħad it-talbiet ta' l-atturi. L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi.